**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 30 ta’ Mejju 2024**

Rikors Numru: 15/24 AL

A B C

vs

D E

(M.R. Numru 1848/2017)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors kkonfermat bil-ġurament tar-rikorrenti li permezz tieghu espona:

1) Illi l-partijiet żżewġu nhar id-disa' u għoxrin (29) ta' Ġunju tas-sena elfejn u sbatax (2017) fil-Palazzo Capua tas-Sliema, Malta, hekk kif jirriżulta miċ-Ċertifikat taż- Żwieġ bin-numru progressiv 772/2017 hawn anness u mmarkat bħala Dok. PB01;
2) Illi minn dan iż-żwieġ ma twieldu l-ebda tfal;

3) Illi l-partijiet huma legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dottor Ritianne Bugeja Fenech datat nhar it-tmintax (18) ta' Mejju tas-sena elfejn tlieta u tletin (2023), kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok. PB02, liema kuntratt ġie ppublikat wara li l-istess partijiet ġew debitament awtorizzati sabiex jidhru fuq l-istess att permezz tad-Digriet mogħti minn din l- Onorabbli Qorti Nru. 3701/22 hawn anness u mmarkat bhala Dok. PB03. Għalkemm huma sseparaw f' Mejju tas-sena elfejn tlieta u tletin (2023), huma kienu ilhom separati de facto minn April tas-sena elfejn tnejn u għoxrin (2022);

4) Illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikončiljazzjoni bejniethom, tant li llum il-ġurnata għandhom ħajja totalment separata u ndipendenti minn xulxin;

5) Illi l-partijiet irrinunzjaw reċiprokament għall-ħlas ta' manteniment mingħand xulxin;

6) Illi għalhekk il-partijiet m'għandhom l-ebda kwalsiasi pretensjoni fil-konfront ta' xulxin inkluż ebda hlas ta' manteniment;

7) Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għal-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 668 tal-Kodići Ċivili, Kap 16 tal- Liġijiet ta' Malta;

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1) Tiddikjara li ż-żwieġ bejn il-partijiet iċċelebrat nhar id-disa u għoxrin (29) ta' Ġunju tas-sena elfejn u sbatax (2017), huwa mahlul u għalhekk tippronunzja d-divorzju bejniethom;

2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex entro t-terminu iffissat mill-istess Onorabbli Qorti jinnotifika lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-ħall taż- żwieġ bejn il-partijiet sabiex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku, kif ukoll li jagħmel id-debita korrezzjoni fiċ-ċertifikat taż-żwieġ;

Bl-ispejjeż kollha u bl-ingunzjoni tal-intimata minn issa għas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-intimata li permezz taghha esponiet :

Illi l-esponenti tikkonferma l-fatti hekk kif ġew spejgati fir-rikors ġuramentat tar-rikorrenti bhala korretti u għaldaqstant ma hemm l-ebda oggezzjoni fuq l-istess fatti;

Illi l-esponenti tikkonferma li il-partijiet ilhom legalment separati u il-kundizzjonijiet tas- separazzjoni bejn il-partijiet hija regolata permezz ta' att apożitu fl-atti tan-Nutar Ritianne Bugeja Fenech datat tmintax (18) ta' Mejju tas-sena elfejn tlieta u ghoxrin (2023).

Illi l-esponenti tikkonferma u tiddikjara li ma hemm l-ebda cans ghal-rikonciljazzjoni bejn il- partijiet;

Illi għalhekk tiddikjara u tikkonferma li r-rekwiżiti hekk kif inhuma stabbiliti permezz tal-artikolu 66B tal-Kodići Civili huma kollha sodisfatti;

Illi ghalhekk l-esponenti m'hijiex qed toġġezzjona għat-talbiet tar-rikorrenti;

Illi traskrizzjoni ta' din ir-risposta qeda tigi hawn annessa u mmarkata bhala DOK A.

Ghaldaqstant u in vista tas-suespost il-mittenti, filwaqt li ma toġġezzjonax għat-talbiet tar rikorrenti, qiegħda tirrimetti ruħha għad-deċiżjoni ta' din l-

Onorabbli Qorti bl-intendimen illi dak kollu miftiehem fl-att ta' separazzjoni ta' bejn il-partijiet tat- 18 ta' Mejju 2023 jibqa fis sehh;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet taghha tas-6 ta' Frar 2024;

Rat ir-risposta tal-intimata li ġie kkonfermata bil-ġurament tagħha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-18 ta' Mejju 2023;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.